**KUNSILL LOKALI** **LOCAL COUNCIL**

**BORMLA**
*Citta' Cospicua*

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Bormla**

**Is-8 LEĠISLATURA**

## Laqgħa Numru 09/2023 (it-tieni parti)

17 ta' Lulju 2023

Il-Kunsilli Lokali Bormla ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 2A, The Rest, Pjazza Santa Margerita, Bormla, fil-5:30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Marco Agius | – Sindku |
| Noyah Spiteri Hammett | – Vici-Sindku |
| Martin Vella | – Kunsillier |
| Johann Scerri | – Kunsillier |
| James Cauchi | - Kunsillier |
| Rita Gatt | - Kunsilliera |

Membri tal- Pubbliku: (0)

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**
Melanie Agius - Kunsilliera

**ASSENTI:**
Nil

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**
Duncan Hall – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sur Marco Agius ,Sindku,  ippresjeda il-laqgħa

### 09.1 Qari ta' ittri ta' apoloġija

09.1.1 Din il-materja giet diskussa fl-ewwel parti tas-seduta.

### 09.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni ta' minuti

09.2.1 Din il-materja giet diskussa fl-ewwel parti tas-seduta.

**09.3 Komunikazzjonijiet mis-Sindku**

09.3.1 Din il-materja giet diskussa fl-ewwel parti tas-seduta.

**9.4 Twegibiet ghall-Mistoqsijiet mill-Kunsilliera**

9.4.1 Din il-materja giet diskussa fl-ewwel parti tas-seduta.

**9.5 Approvazzjoni ta' skedi ta' hlasijiet**

9.5.1 Din il-materja giet diskussa fl-ewwel parti tas-seduta.

**9.6 Mozzjonijiet**

9.6.1 Din il-materja giet diskussa fl-ewwel parti tas-seduta.

**9.7 Grawnds Peppi Delceppo**

9.7.1 Bi qbil bejn il-Kunsilliera prezenti, din il-materja kellha tigi diskussa fis-seduta segwenti.

F'dan l-istadju u bi qbil bejn il-Kunsilliera prezenti, gie deciz illi s-seduta tigi sospiza bil-ghan illi tkompli diskussjoni fil-maghluq rigward materja ta' parkegg fi Triq Matty Grima.(19:10)

Is-seduta tkompliet (19:50)

**9.8 Rapporti**

9.8.3 Is-Sindku informa lill-Kunsilliera illi kien jinhtieg isir interview lill-uniku kandidata eligibbli ghall-mili ta' post vakanti ta' skrivana fi skala 15. Segwiet diskussjoni libera li matulha, il-Kunsill Lokali ddiskuta jekk kellux jipprocedi bis-sejha jew inkella jwaqqafha u johrog sejha gdida ghal ufficjal ezekuttiv fi skala 13. Ittiehdet decizjoni illi l-Kunsill Lokali kellu jipprocedi bil-process ta' skala 15.

9.8.4 Is-Sindku pogga fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali kopja tar-rapport finanzjarju ta' kull kwart ghall-perjodu Jannar-Gunju 2023 u stieden lis-Segretarju Ezekuttiv sabiex jispjega l-kontenut tieghu lill-Kunsilliera prezenti. Wara li s-Segretarju Ezekuttiv ghadda dettalji tad-dokument u ddiskuta l-kontenut mal-Kunsilliera, fuq kunsiderazzjoni tas-Sur James Cauchi ssekondat mis-Sa.Noyah Spiteri Hammett u b'votazzjoni unanima, il-Kunsill Lokali approva d-dokument hekk kfi imressaq.

F'dan l-istadju hareg mis-Seduta il-Kunsillier Martin Vella (19:55).

9.8.5 Il-Kunsill lokali gie mitlub jevalwa l-possibilita' illi jikkollabora fl-attivita' Music at Sunset liema attivita' kienet qieghda tigi kkordinata mill-organizzazzjoni COMITES. Wara li giet mixtarra tajjeb l-attivita', kien hemm qbil bejn il-Kunsilliera prezenti illi l-Kunsill Lokali kellu jikkollabora bis-sehem tieghu ikun dak illi jiehu hsieb l-arrangamenti logsitici u jiffinanzja PA System.

9.8.6 Is-Sindku informa lill-Kunsill Lokali illi b'konnessjoni ma' CSPF2023, il-Vici-Sindku u s-Segretarju Ezekuttiv kellhom diskussjoni mal-kumpanija Malta Daily dwar strategija ta' Marketing ghall-attivita'. Wara li l-Vici-Sindku ghaddiet lill-Kunsill Lokali dettalji tal-proposta, kien hemm qbil bejn il-Kunsilliera prezenti illi l-Kunsill Lokali kellu jidhol ghall-ispiza relatata.

**9.9 Aggornament tal-laqgha u data tas-seduta li jmiss**

9.9.1 Is-seduta giet fi tmiemha fl-20:20p.m. minghajr ma giet ezawrita l-agenda u giet aggornata ghat-30 ta' Lulju 2023 fis-5:30 p.m.

Konfermati, illum 17 ta' Awwissu, 2023

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| ___________________ | _______________________ |
| **Marco Agius** | **Duncan Hall** |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |